**ĦAL QORMI**
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 25** **IT-TLIETA 14 TA' JANNAR 2014**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-7.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar, Bjorn Azzopardi, Charles Farrugia, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Jerome Caruana Cilia, Sean Meli u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Tyrone Borg.

Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina u l-Kunsilliera Ralph Puli, Margaret Merciea u Antoine Saliba Haig ġew skuzati minħabba impenji oħrajn.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**25/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 24**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 24 li nżammet nhar it-Tlieta 3 ta' Diċembru 2013, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 24 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**25/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**25/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tal-iskema ta' ġbir ta' skart kien ġie estiz sal-aħħar tal-Jannar mill-Green mt, dan sabiex il-Kunsill jilħaq jilħaq ftehim mal-iskema l-oħra, il-Green Pak li min-naħa tagħhom kellhom jagħtu proposta lill-Kunsill. Peress li ma tantx fadal żmien, il-Kunsill iddeċieda sabiex jikteb lill-WasteServ Ltd dwar din il-problema biex tinstab soluzzjoni. Is-Sindku Rosianne Cutajar informat lill-Kunsilliera, li jekk din is-sitwazzjoni tibqa' inċerta hija jkollha ssejjaħ laqgħa straordinarja urġenti biex tittieħed deċizjoni.

**25/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Mepa approvat il-proposta tal-Kunsill biex il-proġett tat-tisbiħ tal-ġnien fi Pjazza Alexandra jiġi ffinanzjat mill-Urban Improvement Fund. Intant, fl-10 ta' Jannar kien hemm seduta quddiem id-DCC, fejn il-bord approva l-ħruġ ta' permess ta' zvilupp ta' dan il-proġett.

**25/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsilll li l-laqgha mal-Ministru tal-Intern ġiet posposta għall-24 ta' Frar 2014 fit-3pm.

**25/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-ikla bejn l-istaff u l-kunsilliera se ssir nhar il-Gimgha 24 ta' Jannar 2014.

**25/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett tal-Heritage Trail jinsab għaddej b'ritmu tajjeb fejn wara li tlesta l-bandli fuq tal-Blat, beda x-xogħol fuq il-picnic area filwaqt li x-xogħol fuq il-passaġġi jinsab lejn il-fażi finali tiegħu. Is-Sindku kompliet li lejn l-aħħar ta' Jannar għandu jibda x-xogħol ta' pavimentar tal-pjazza quddiem il-Kappella f'Tal-Ħlas.

**25/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-proġett ta' kontra l-għargħar issa jinsab fil-fażi tal-bini ta' culvert fi Triq il-Wied. Intant, f'laqgħa li saret mal-Ministeru kif ukoll mal-kuntrattur ta' dan il-proġett, il-Kunsill għamilha ċara li dan il-proġett għandu jkun ffinalizzat sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Mejju, u jekk f'kaz dan ma jkunx għadu lest, iridu jittieħdu l-mizuri biex x-xogħlijiet ma jtellfux l-attivitajiet li hemm maħsubin f'Ġunju. Intant, il-Kunsill ġie infurmat li x-xogħol li kien għad fadal fuq il-pont ta' Correa se jsir fl-aħħar stadju tal-proġett, filwaqt li x-xogħlijiet fuq il-pont ta' Triq San Bastjan għandu jsir għal bidu ta' Marzu wara li jiġu miftehma id-devjazzjonijiet tat-traffiku.

**25/02/07** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv ġie avviċinat mill-Korporazzjoni tal-Enemalta dwar *meter* tal-gabbana fil-Ġnien de La Cruz. Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat spjega li meta fit-30 ta' Marzu 2012, kienu marru xi ħaddiema tal-Enemalta biex ibiddlu l-meter għall-*smart meter*, instab li l-*meter* l-antik kien ġie imbagħbas. Minkejja li dan il-meter jintuża mill-kerrejja tal-gabbana, dan il-meter huwa rreġistrat fuq il-Kunsill Lokali u għaldaqstant ir-responsabbilta' taqa' fuq il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li huwa ġie msejjaħ għal-laqgħa fl-uffiċċini tal-

Enemalta fejn talbu li jsir arranġament dwar ħlas ta' aktar minn Eur20,000. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Enemalta biex jiktbu uffiċjalment lill-Kunsill dwar dan. Il-Kunsill sab li l-gabbana kellha tlett kerrejja differenti minn mindu twaqqfet, u għaldaqstant huwa diffiċli li jiġi ddeterminat min kien abbuża minn dan il-*meter*. Il-Kunsill iddeċieda sabiex jieħu parir legali dwar din il-materja.

**25/02/08** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li bil-liġi l-Kunsill irid iżomm il-laqħa annwali tal-lokalita'. Il-Kunsill iddeċieda sabiex din il-laqgħa tinżamm nhar il-Ħamis, 6 ta' Frar 2014 fis-7pm.

**25/02/09** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kien iddeċieda biex jagħti l-offerta tal-Online Streaming lill-Smart ICT, il-Kunsill bagħat din ir-rakkomandazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni ladarba dan kien rekwezit minn skema ta' finanzjament ta' dan il-proġett. Il-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**25/02/10** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kien kiteb lill-Għaqda Dilettanti tal-Presepji, hija kien ġiet avviċinata minn membru ta' din l-għaqda fejn kien infurmaha li huma kienu għadhom bil-pjanijiet li jagħmlu l-presepju permanenti fis-sala ta' taħt it-teatru Grieg fi Ġnien de La Cruz. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** kompliet tinfurma lill-Kunsill li hija kienet irrispondiet lil dan il-membru sabiex jiktbu lill-Kunsill, liema ittra baqgħet qatt ma waslet. Il-Kunsill iddeċieda biex jerġa jikteb lil din l-għaqda u jitlobhom risposta f'perjodu qasir, fejn fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill kien se jipproċedi bl-iżgumbrament tal-post.

**25/02/11** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-kumpanija Dimbros Ltd kien ressqet mandat ta' inibizzjoni lill-Kunsill biex ma jipproċedix bil-għoti tal-kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff lill-R & A Waste Services Ltd, il-Qorti iddeċidiet li ma tilqax din it-talba għall-mandat, u għaldaqstant il-Kunsill seta' jipproċedi bl-għoti ta' kuntratt kif sar b'effett mill-1 ta' Jannar 2014.

## 25/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2013

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2013, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2013
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2013.
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2013.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku pproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Seba'** Kunsilliera (07) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill approva** l-pagamenti kollha.

**25/04 MOZZJONIJIET**

**25/04/01 MOZZJONI – 92-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Peress li l-kuntratt ta' Knis ta' Toroq (Sezzjoni 1) gie moghti lil Saviour Mifsud bi prova għal sitt xhur li jitterminaw fit-30 ta' Novembru 2013*
*,*
*Peress li x-xogħol pprovdut mill-kuntrattur kien tajjeb,*

*Nipproponi biex il-kuntratt ta' Knis ta' Toroq (Sezzjoni 1) mogħti lil Saviour Mifsud, jiġi mġedded għal sena sat- 30 ta' Novembru 2014.*

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 92-2014 (VI).**

**25/04/02 MOZZJONI – 93-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*"Peress li l-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart imħallat jittermina fil- 31 ta' Jannar 2014,*

*Peress li x-xogħol pprovdut mill-kuntrattur kien tajjeb,*

*Peress li l-Gvern jinsab għaddej b'riforma f'dan is-settur,*

*Peress li l-Kunsill għadu qed jikkonkludi l-ftehim dwar l-Iskema tas-Separazzjoni tal-Iskart,*

*Nipproponi biex il-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Imħallat mogħti lil R&A Waste Services Ltd, jiġi mġedded għal sitt xhur sa' 31 ta' Lulju 2014, li jiġġedded awtomatikament għal massimu ta' sena, f'kaz li ma jkunx hemm zviluppi dwar ir-riforma mnedija mill-Gvern f'dan is-settur.*

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 93-2014 (VI).**

**25/04/03 MOZZJONI – 94-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni:**

*Nipproponi sabiex il-Bord tal-Ghazla tal-impjieg tal-General Hand (Skala 18 – Cleaner) ikun iffurmat minn dawn li gejjin:*

| | |
|---|---|
| *Chairperson:* | *Rosianne Cutajar (Sindku)* |
| *Membri:* | *Kenneth Brincat (Segretarju Ezekuttiv)* |
| | *Ralph Puli (Kunsillier)* |
| | *Charles Farrugia (Kunsillier)* |
| | *Dylan Falzon (Pubbliku – "Ambaxxatur Sostitut")* |

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 94-2014 (VI). Il-Kunsill għandu jivverifika mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk is-Sur Falzon jistax ikollu vot f'dan il-bord jew ikun bhala osservatur peress li għadu ma għalaqx it-tmintax-il sena.**

**25/04/04 MOZZJONI – 95-2014(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar stiednet lill-Kunsillier Jason Busuttil biex iressaq din il-mozzjoni:**

*Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' madwar Euro €2330 sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival fi Triq San Sebastjan, nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2013.*

*Din l-isfilata tikkonsisti f'daqq ta' marci ferrieha mit-tliet baned qriema u sfilata minn maskaruni. Wara tinzamm serata ta' kant u zfin minn bosta kumpaniji taz-zfin.*

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** issekondat din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova il-mozzjoni 95-2014 (VI).**

## 25/05 RAPPORTI

### 25/05/01 PERFORMANCE APPRAISAILS TAS-SEGRETARJU EZEKUTTIV U L-IMPJEGATI TAL-KUNSILL

Wara diskussjoni dwar il-performance tas-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati, is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet din il-mozzjoni.

*"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus*

*a. m'għandux ikun iżjed minn 10% tar-renumerazzjoni fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv, u*

*b. m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;*

*U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-Performance Appraisals, li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi 'l fuq;*

*Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ kif jidher hawn taħt;*

*U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata wkoll il-performance bonus kif imsemmi aktar 'l fuq;*

| | |
|---|---|
| *Kenneth Brincat* | *10%* |
| *Marilyn Baldacchino Gatt* | *6%* |
| *Ritienne Sammut* | *6%* |
| *Karen Camilleri* | *6%* |
| *Maria Lewis* | *6%* |
| *Bernice Darmanin* | *6%* |

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Seba' (7) Kunsilliera preżenti.** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lill-impjegati. Fil-kaz tas-Segretarju Ezekuttiv jkun meħtieġ l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali qabel isir il-ħlas.**

**25/06 KORRISPONDENZA**

**25/06/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK 'B1-4'**

1. Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurma lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2014 hija ta' Eur1,000,727.

2. Korrispondenza minn bejjiegħ tal-Monti fejn talab li tiġi rilokata l-posta tiegħu bin-numru 132 minħabba li din "mhiex tajba biex tintuza mill-bejjiegha tant li l-Kunsill tefa' skips fiha". Is-Sindku Rosianne Cutajar innutat li ma' din il-korrispondenza hemm ittra mill-Ministeru għall-Ekonomija, l-Investiment Intrapriżi Żgħar li huwa l-Ministeru responsabbli mill-awtorita' regolatorja tas-swieq fil-beraħ, li tiddikjara li t-talba ta' dan il-bejjiegħ "hija mistħoqqa". Is-Sindku Rosianne Cutajar kompliet li anke l-Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti talbet lill-Kunsill biex issir rilokazzjoni għall-posta ħdejn il-posta numru 111. Is-Sindku Rosianne Cutajar għalqet din il-materja fejn wara li l-Kunsill ħa parir legali, meta jkun hemm identifikazzjoni ta' posta ġdida, il-Kunsill għandu jiftaħ l-applikazzjonijiet u jagħti preċedenza lill-bejjiegħa li diġa għandhom posta fl-istess suq. Għaldaqstant, il-Kunsill qabel unanimament biex jinħareġ avviż fuq il-gazzetta tal-gvern li se ssir allokazzjoni ta' posta ġdida ħdejn in-numru 111 skont kif stipulat fl-artikolu 5(7) tal-Liġi Sussidjarja 441.04.

3. Korrispondenza mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici dwar allegat nuqqas ta' rispett minn għaqda oħra li naqset li tistedinhom għall-attivita' li saret taħt il-patronċinju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu joħroġ ċirkulari lill-għaqdiet lokali kollha sabiex għal kull attivita' li ssir b'kollaborazzjoni jew taħt il-patronċinju tal-Kunsill għandhom jiġu mistiedna l-għaqdiet lokali kollha.

4. Memo 34/2013 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar kuntratti ġodda ta' manutenzjoni ta' Street Lighting. Il-Kunsill qabel jieħu deċizjoni dwar jekk hux ħa joħroġ l-offerta għalih, jew mar-Reġjun jew flimkien ma' xi Kunsilli Lokali oħrajn, xtaq jistenna l-izvilupp tal-laqgħa tar-Reġjun biex jara jekk ir-Reġjun hux ha jistieden lill-Kunsilli biex tinħareġ din is-sejħa.

5. Ittra mingħand l-Għaqda Armar San Sebastjan sabiex jieħdu l-fondi li s-soltu jkunu allokati għat-tiżjin ta' Triq il-Ħabbież li din is-sena ma sarx, il-Kunsill ma qabilx għall-fatt li din it-triq ma żżejnitx fil-perjodu tal-Milied, u li jekk l-Għaqda Armar San Sebastjan kienet interessata li tieħu l-flus allokati għal din it-triq, dan seta' jsir li kieku ħadet ħsieb it-tiżjin tal-istess triq.

6. Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-*accounting* tal-flus mgħoddija lill-WasteServ Ltd, ġiet innutata.

7. Proposta biex Triq id-Dragun ssir one-way billi vetturi ma jkunux jistgħu jidħlu minn Triq il-Ħammieri, ġiet approvata mill-Kunsill peress li din it-triq hija dejqa. Il-Kunsill għandu jressaq il-proposta lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

**25/07 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-08:25 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ...................... 2014.
(Jum) (Data) (Xahar)